# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' nhar l-20 ta' Jannar 2022**

**Rikors Numru : 194/2021 JPG**

**Kawza Numru : 18**

**DS**

**Vs**

**RS**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DS datat 17 ta' Mejju 2021, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet zzewgu fil-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elf, disgha mija, tlieta u disghin (1993), gewwa Haz-Zabbar, u li sussegwentement l-istess zwieg gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 1850/1993 (kif jirrizulta mic-certifikat anness u immarkat Dok 'A');*

2. *Illi l-partijiet infirdu legalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Keith Calleja ippubblikat fit-tnejn (2) ta' Frar tas-sena elfejn u erbatax (2014) (kopja tal-kuntratt annessa u mmarkat Dokument 'B');*

3. *Illi stante illi l-partijiet ilhom snin twal separati minn xulxin, prezentement ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti partijiet;*

4. *Illi l-partijiet m'ghexux flimkien ghal dawn l-ahhar tmien snin, kif jirrizulta ukoll mid-dikjarazzjoni tal-partijiet fil-kuntratt ta' separazzjoni imsemmi u ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u m'hemmx pendenzi fir-*

*rigward tal-manteniment;*

5. *Illi ghalhekk jikkonkorru il-kriterji kollha rikjesti mill-ligi ghal-hall taz-zwieg u ghad-divorzju tal-partijiet.*

*Ghaldaqstant, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

i. *Tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.*

ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien prefiss mill-istess Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan ikun registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat illi l-intimata RS, debitament notifikata ma ppresentat ebda risposta u lanqas ma dehret ghas-seduti mhejjija, ghaldaqstant hija kontumaci; (vide fol 18)

Rat il-fakolta moghtija lilha ai termini tal-Art 158(10) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex tippresenta is-sottomissjonijiet taghha;

Rat illi minkejja dan, l-intimata baqghet inadempjenti; (vide fol 18)

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**DS xehed** (vide affidavit fol 16) illi in segwitu taz-zwieg taghhom fl-1993, l-kontendenti sseparaw u ilhom separati sa mit-2 ta' Frar 2014. Iddikjara illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni. Di piu' xehed illi ma hemm ebda manteniment dovut bejniethom u li t-tfal tal-partijiet huma maggorenni u ma jghixux mieghu.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm***

***maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-2 ta' Ottubru 1993, liema zwieg jgib certifikat numru 1850/1993 (Vide certifikat taz-zwieg Dok A, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, illum maggorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Keith Calleja nhar it-28 ta' Jannar 2014 (vide Dok. B fol 5 et seqq.). Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom separati ghal terminu taz-zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Jirriżulta ukoll illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Di piu', ma jirrizulta ebda eccezzjoni ulterjuri li din il-Qorti ghandha tqanqal ex-officio in vista tal-kontumacja tal-intimata.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 1850/1993 u tordna lir-Registratur**

**tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**